FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 24 TA' NOVEMBRU 2000

Avviz Nru 2434/98DM

Middle Sea Insurance Company p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Mifsud sija bil-polza u sija bil-ligi.

vs

George Muscat

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas lill-atturi is-somma ta' erba mija u tnejn u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm432.10c) in linea ta' danni mill-konvenut kagunati, li ghalihom kellha taghmel fronti s-Socjeta attrici in forza ta' polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive', in konnessjoni ma' incident stradali li gara fit-30 ta' Ottubru 1997 fi Mdina Road, Qormi bejn vettura numru IBB 504 misjuqa mill-assikurat tas-Socjeta attrici u t-Truck numru W-7380 misjuq mill-konvenut u ghal liema incident u danni konsegwenzjali hu responsabbli l-konvenut peress li dan gara minhabba imperizja, negligenza, traskuragni, u nuqqas ta'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut u dan prevja d-dikjarazzjoni tar-responsabbilta tal-istess incident..

Bl- imghaxijiet legali minn notifika tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 1998 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Muscat fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-assikurat tal-attur John Mifsud minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess John Mifsud.

2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti jikkonsistu esklussivament fid-dokumenti esebiti mill-attur li jiggustifikaw il-'quantum' tad-danni allegati fis-somma ta LM432.10, u fid-deposizzjoni tal-ufficjal li nvestiga l-kaz li ddikjara li l-konvenut kien stqarr mieghu li lill-John Mifsud ma kienx rah.

Din id-deposizzjoni, fin-nuqqas ta kontestazzjoni guramentata, hija sufficjenti biex twassal ghar-responsabilita' tal-konvenut li, oltre n-nota tal-eccezzjonijiet, la deher u lanqas ma pproduca xi prova.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi is-somma ta' erba mija u tnejn u tletin lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm432.10c) in linea ta' danni minnu kagunati, li ghalihom kellha taghmel fronti s-Socjeta attrici in forza ta' polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive', in konnessjoni ma' incident stradali li gara fit-30 ta' Ottubru 1997 fi Mdina Road, Qormi bejn vettura numru IBB 504 misjuqa mill-assikurat tas-Socjeta attrici u t-Truck numru W-7380 misjuq mill-konvenut u ghal liema incident u danni konsegwenzjali hu responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

……………………..
Mag. Dr. D. Montebello BALLD

A. Farrugia
DepReg
CIV20